MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Numru 1008/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**
**vs**
**Roderick Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Roderick Sciberras ta' 26 sena bin George u Antionette nee' Buhagiar imwieled Pieta' fit-28 ta' Awissu, 1976 u residenti 'Sunbeam' Flats, Flat 3, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, detentur ta' identita numru 444476(m) akkuzat talli:

a. fil-Gzira, fil-5 ta' Ottubru 2002, ghall-habta tal-4.45 ta' filghodu, waqt li kien qed isuq vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni FGY020, fi triq Mikiel Anton Vassalli, Kappara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna

feriti ta’ natura gravi fuq il-persuni tas-surgent 524 Paul Cassar u l-kuntistabbli 1547 John Debattista hekk kif certifikati mit-tobba ta’ SLH;

b. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni FGY020 b’manjiera traskurata u perikoluza.

c. talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, metra kien qed jaghmel uzu mill-imsemmija vetttura u gara l-incident, naqas li jieqaf u jaghti l-partikolaritajiet tieghu, in-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura u taghrif iehor.

d. talli fl-istess data xjentement issoprima jew b’xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji tar-reat fuq imsemmi.

Ikkonsidrat:

Hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat li ppersista fiha filwaqt li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi u taghtu zmien jirrifletti, issibu hati.

Rat l-Artikolu 218 tal-Kap 9, 15 tal-Kap 65 u 17 tal-Kap 9, ikkonsidrat il-fedina penali netta tieghu u wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’perjodu ta’ tlett snin millun.

---------------------------------TMIEM---------------------------------